**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Gunju 2020**

**Rikors Numru : 229/2018 JPG**

**Kawza Numru : 30**

**DS**

**Vs**

**ES**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DS datat 3 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti iżżewġu nhar it-tnejn ta' Mejju tas-sena elf disa mija u tnejn u disgħin (2/05/1992);*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ huma għandhom żewġt (2) ulied u cioe' LS li twieled f'X u għalhekk maġġorenni u YS li twieldet f'Zli hija wkoll maġġorenni iżda għadha studenta;*

3. *Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba abbuż, vjolenza, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra, validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;*

4. *Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 3 ta' Lulju, 2018 (Dok. A);*

5. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;*

2. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-attriċi u għall-wild tal-partijiet, u jibqa' hekk pagabbli sakemm it-tifla tagħlaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena jekk it-tifla tiddeċiedi li tibqa' tistudja; kif ukoll tordna li dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;*

3. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-wild sakemm tkun għadha qed tistudja; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari;*
4. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-arretrati ta' manteniment u spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, kif ser jiġi ppruvat matul il-kawża;*
5. *Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*
6. *Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu*

*assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lil-konvenut, mhux neċessarjament ugwali u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

7. *Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha jew kwalunkwe kreditu ieħor, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

8. *Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

9. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

10. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha 'Parnis';*

11. *Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni numru 647/2016 u 652/18,*

12. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz l-proċeduri ta' medjazzjoni li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat is-sentenza in parte taghha datata 28 ta' Jannar 2019 (vide fol 56 et seqq.);

Rat illi l-intimat huwa kontumaci (vide fol 637, verbal 29 ta' Jannar 2020);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat sabiex jippresenta is-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (vide fol 630);

Rat illi l-intimat baqa inadempjenti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

**Ikkonsidrat;**

**DS** xehdet permezz ta' affidavit a fol 26 *et seqq* u in succinct qalet is-segwenti:

Ir-rikorrenti xehdet illi l-partijiet kien iltaqghu fl-1982 meta hi kellha madwar himstax -il sena u din il-hbiberja kienet zviluppat ghal relazzjoni romantika meta kellha cirka tmintax – il sena. Spjegat illi l-partijiet kienu ilhom f'relazzjoni flimkien ghal cirka sitt snin minghajr l-ebda pjan li jippreparaw sew sabiex ikollhom familja, izda imbaghad f'daqqa wahda, l-intimat kien iddecieda li ried li jizzewgu ghal habta ta' Jannar 1992. Ziedet illi ghalkemm hija hassitha kuntenta li l-intimat kien ipproponilha zwieg, hija kienet ukoll imhassba peress illi l-partijiet ma kellhomx flus u lanqas post fejn joqghodu.

Xehdet illi hija dejjem kellha sudizzjoni mill-intimat, ma' min qatt ma setgha jkollha konversazzjoni minghajr ma jgholli lehnu u jsir aggressiv. Spjegat illi l-intimat kellu attitudni fejn hadd ma setgha jikkontradixxih ghaliex kien jirreagixxi b'mod aggressiv, specjalment mal-familjarji tieghu. Qalet illi kaz partikolari li juri dan, kien meta kienu saru jafu li l-Knisja fejn riedu jizzewwgu ma kienetx disponibbli fid-data li riedu jizzewwgu u r-reazzjoni tieghu kienet li ma riedx jizzewweg iktar, u hi kellha ssib knisja ohra. Qalet illi anke f'dan iz-zmien, l-intimat kien dejjem jikkoregiha b'mod aggressiv ghal kull haga li tghid quddiem hbieb u familjarji, imbaghad meta jkunu wahedhom, kien jinterrogaha sabiex ikun jaf ghalfejn kienet qalet dak li qalet. Kompliet illi din l-attitudni baqghat tippersisti fiz-zwieg u ghalhekk kienet tibza tikkontradih, b'konsegwenza illi dan affetwaha fuq livell socjali u emozzjonali sal-gurnata tal-llum.

Spjegat illi l-partijiet kien zzewgu fit-2 ta' Mejju 1992, u peress illi ma kellhomx dar matrimonjali, kienu marru joqghodu ma' ommu. Qalet illi ghalkemm l-intimat kien qalilha li kienu ser jaghmlu xi sentejn joqghodu ma' ommu, minflok kienu damu tnax – il sena. Xehdet illi sena wara t-tieg taghhom, f'Ottubru tal-1993 kien twieled binhom LS u l-intimat kien dejjem iserrah fuq ommu ghal kull ma kellhom bzonn peress illi kienu joqghodu maghha, u kienu jhallu lil LS maghha meta kienu jahdmu t-tnejn. Spjegat illi meta LS kellu tlett snin hija kienet qalet lil intimat li s-sitwazzjoni tal-konvivenza taghhom ma' ommu kienet insostenibbli u ghalhekk kienu xtraw appartament hdejn ommu b'fondi mislufa minn oht l-intimat Doris li selfitilhom flus biex ihasu id-despositu biex jiehdu *loan.* Kompliet illi nonostante dan huma kienu damu joqghodu ghandu ommu ghal tnax -il sena ghaliex ma kellhomx flus biex jirrangaw il-proprjeta u jidhlu joqghodu fiha. Qalet illi f'dan iz-zmien l-intimat kien ha d-decizjoni inspjegabbli li jitlaq mill-impjieg tieghu li kellu tal-kumpanija RiteScan u jiftah ghal rasu jirrekordja d-diski u l-muzika ghall-haddiehor. Spjegat illi f'dan ix-xoghol huwa ma kellux success u ma kienx igib flus id-dar ghaliex l-intimat ma kienx efficjenti fix-xoghol u l-klijenti ma kienux kuntenti b'xogholu. Ziedet illi f'dan iz-zmien kienet hi wahedha li kienet tmanti l-familja u taghmel tajjeb ghad-djun li kellhom ma' oht l-intimat u mal-bank.

Xehdet illi fil-23 ta' Novembru 2009 kienet twieldet binthom YS u hi kienet esprimiet ix-xewqa li tieqaf tahdem biex toqghod ma' uliedhom, izda l-intimat kien hadha kontra taghha. Xehdet li wara t-twelid tat-tifla l-intimat kien sab impjieg ma' "The Foto Grapher" izda dan biss ghal perjodu ta' sena, u kull darba li jsib impjieg kien jirrizenja u jghid li huwa ma kienx imur tajjeb man-nies u juza dan bhala skuza biex minflok imur jahdem ghar-rasu. Spjegat li imbaghad meta t-tifla kellha sitt jew sebgha snin l-intimat kien irrabja hafna lejha ghaliex qal illi hu kien qed ikollu johrog jahdem bilfors minhabba fiha u b'mod aggressiv kien qal lir-rikorrenti li kellha terga tibda tmur tahdem.

Qalet li hija kienet sabet impjieg *part-time* ma' INSPECTRA u f'dan iz-zmien l-intimat kien qabad u telaq mix-xoghol minghajr ma qal xejn lil hadd u beda jiffissa li kulhadd kien mohhu fih u jwahhal fiha li kienet tghid kontra tieghu. Spjegat li l-intimat kien dahhalha f'rasu li kien hemm xi hadd li kien mohhu fihom u b'mod vjolenti kien ikun iridha tammetti li xi hadd kien mar jghidilha kontra tieghu, u dan quddiem it-tfal peress li fid-dar ta' ommu kienu jghixu l-erbgha li huma go kamra wahda. Kompliet li dan l-agir kien iwerwer lit-tfal, izda r-reazzjoni tal-intimat kien li ahjar jaraw halli jitghallmu. Qalet illi bil-lejl l-intimat kien imur fil-kamra tas-sodda u kien jghajjat maghha, jerfa' jdejh fuqha u jwaddbilha kull haga li kienet tigi ghal

idejh biex tghidlu dak li ried jisma' hu. Qalet ukoll li mhux l-ewwel darba li l-intimat kien vjolenti maghha quddiem it-tfal, fejn sahansitra kien jaghtiha daqqiet ta' ponn quddiemhom, izda hu kien jghidilhom li din m'hijiex vjolenza vera u li kienet tkun vjolenza meta jibghatha l-isptar. Irrakkontat episodju ukoll fejn l-intimat kien sakkarha fil-kamra tas-sodda u minn hemm setghat tisimghu igerfex fil-kexxun tas-skieken, u ftit wara kien mar lura fil-kamra b'idejh wara daru, u beda jidhaq u eventwalment uriha li ma kellu xejn f'idejh. Qalet illi darba ohra hija kienet marret torqod fil-kamra ta' YS minhabba li kienet tibza minnu, izda hu kien mar fil-kamra tat-tifla jghajjat u jheddida u kellha taccetta li tmur fil-kamra tas-sodda mieghu peress illi t-tifla kienet imwerwra. Qalet illi hija kienet tahbi it-tbengil mill-familjari taghha u ma kienet tiftah qalbha ma hadd. Ziedet illi pero ma kienetx l-ewwel darba illi l-familjarji taghha raw xi tbengila fuqha u li anke l-familjarji tieghu kellhom ideja dwar il-mod kif kien jittrattaha l-intimat peress illi darba minnhom tant kien ghajjajt li kienu semghuh ohtu, zitu u n-neputi tieghu li kienu joqghodu fl-istess triq u kienu marru jigru ghandhom, fejn l-intimat kien prova jwaddbilha siggu quddiemhom u kien waqqfu n-neputi tieghu.

Spjegat illi l-intimat kellu diversi episodji ta' paranoja u deluzjonijiet, tant illi darba minnhom kien ifissa illi l-grupp terroristiku ISIS kienu qed jissemmghulhom id-dar u kien anke beda jemmen illi hija kienet involute f'cirku ta' prostituzzjoni u droga. Kien paranojku li kienet qed tippjana xi haga kontra tieghu u ghalhekk beda jikkontrollaha u jmur maghha anke meta taghmel ix-xirja. Qalet li kien ikun irid ukoll jiccekja l-*mobile* taghha u kienet tibza hafna minn dan peress illi ghalkemm ma kellha xejn x'tahbi, l-intimat kien facilment jiffabrika stejjer minn semplici messagg. Qalet ukoll illi hija kienet talbet lill-intimat sabiex imur ifittex ghajnuna izda kien irrifjuta ghajr li kien mar darba wahda ghand tabiba izda dan bl-iskop li tohrog il-verita, fis-sens illi li tammetti li hi qed tigdeb fuqu.

Qalet illi l-aghar episodju ta' vjolenza domestika kien gara fid-9 t'April 2016 meta l-intimat kien mar fil-kamra tas-sodda fi stat ta' sokor u offrilha l-flus sabiex ikollha x'taqsam mieghu, u beda jghattiha bil-ponn u bis-sieq ghaliex irrifjutat. Qalet illi kien irnexxilha tahrab u marret fuq l-ghatba tal-ghassa tal-pulizija tal-Fgura tibki izda ghalkemm kien hemm pulizija dehlin u hiergin hadd ma waqaf biex jara xi gralha u ghalfejn kienet qieghda barra l-ghassa tibki, u eventwalment kienet iddecidiet li tmur ghand ohtha. Spjegat li waqt li kienet ghand ohtha l-intimat beda jibghatilha messaggi biex tmur lura d-dar, izda filghodu kienet iddecidiet li tmur l-ghassa ma' ohtha sabiex taghmel rapport. Kompliet illi hemmhekk il-pulizija beda jaqtala' qalbha milli taghmel rapport ghaliex jista' jkun li tahfirlu sakemm tinstema' l-kawza l-Qorti u

l-pulizija jkun ghamel ix-xoghol ta' xejn. Qalet illi ghalhekk ma kienetx ghamlet ir-rapport u kienet minflok marret lura d-dar sabiex tigbor it-tfal, u marru flimkien ghandu ohta CC, filwaqt illi jumejn wara kienet marret il-poliklinika sabiex ikollha provi ta' dan l-episodju u t-tabiba li ratha kienet ghamlitilha rapport mal-pulizija. Spjegat illi dik il-gimgha stess, kienet marret tkellem haddiema socjali tal-Appogg u marret ukoll tiehu parir legali, u fuq dan il-parir kienet marret id-dar sakemm l-intimat kien qieghed ix-xoghol flimkien ma' bintha, kienu ippakjaw xi hwejjeg u baqghu sejrin l-ghassa tal-pulizija sabiex taghmel rapport li kienet telqet mid-dar minhabba vjolenza domestika u li t-tifla ser tkun maghha. Qalet illi binha kien iddecieda kontra qalbu li jibqa' d-dar ma' missieru sabiex forsi s-sitwazzjoni tikkalma u ma tiggravax, izda wara xi xahrejn l-intimat kien keccieh mid-dar.

Xehdet illi meta telqet mid-dar, l-intimat beda jcemplilha u beda jghajjat u jibki ghaliex qaltlu li ma kienetx ser terga tirritorna d-dar u wara dakinhar beda jcempel frekwentement ghax ried li t-tifla tmur toqghod mieghu u jibghatilha messaggi ta' theddid u kliem oxen, tant illi kellha taghmel rapport mal-pulizija minhabba l-fastiju u sahansitra tibdel in-numru.

Ir-rikorrenti xehed illi bint il-partijiet YS kienet fl-ewwel sena taghha fil-Junior College waqt illi l-partijiet kienu ghaddejjin mill-procedura ta' medjazzjoni, u peress illi l-intimat kien irrifjuta li jaghtiha manteniment, hija kienet prezentata rikors quddiem il-Qorti, u l-intimat kien gie ordnat ihallas is-somma ta' €230 kull erba' gimghat bhala manteniment ghat-tifla, oltre nofs l-ispejjez edukattivi u medici, permezz ta' digriet datat 6 ta' Dicembru 2016. Hija spjegat li l-intimat kien hallas il-manteniment dovut minn Jannar 2017 sa Mejju 2017, imbaghad il-manteniment kien waqaf u kienet saret taf illi l-intimat kien iddecieda arbitrarjament li ma jirraportax iktar ghax-xoghol. Qalet illi ghalhekk hija kienet ghamlet rapporti mal-pulizija dwar in-nuqqas tal-intimat li jhallas il-manteniment dovut, u huwa kien hallas il-manteniment dovut ghax-xhur minn Gunju sa Dicembru 2017. Hija spjegat illi din kienet l-ahhar darba li l-intimat kien hallas il-manteniment dovut ghal binthom, izda kienet waqfet tirraporta n-nuqqas ta' hlas tieghu lil pulizija peress illi ma felhitx taffacjah meta jkollhom jidhru l-Qorti.

Xehdet illi YS hija studenta universitarja u qed tattendi l-kors ta' Bacellerat fil-Kummerc gewwa l-Universita ta' Malta, filwaqt illi kienet marret ukoll tistudja ghal *semester* gewwa l-Universita ta' Edinburgh fuq esperjenza ta' Erasmus bejn Jannar 2019 sal-ahhar ta' Mejju 2019. Qalet illi ghalhekk hija ghandha bosta spejjez relatati mal-edukazzjoni tat-tifla, inkluz ukoll spejjez medici peress illi matul il-perjodu ta' disgwidi fid-dar l-ansjeta esperjenzata mit-

tifla kienet ikkawzatilha ssoffri minn kundizzjoni tal-gilda u eczema u ghaldaqstant ghandha bzonn kura ta' prodotti appoziti, "*shower gels*" u "*shampoos*" medicinali. Qalet illi barra minnhekk it-tifla kellha bzonn ukoll tibdel in-nuccali u l-lenti taghha, bi spejjez totali ta' €424.

Rigward id-dar matrimonjali, ir-rikorrenti xehdet illi din id-dar kienet inxtrat fiz-zwieg u kienu isselfu l-flus minghand oht l-intimat Doris ghal dan ix-xiri, liema self hallsu l-maggior parti tieghu. Spjegat li peress li qatt ma kellhom il-flus sabiex jixtru ghamara biex jimlew id-dar, il-mobbli kollha li hemm fid-dar kien hadimhom missierha, filwaqt illi l-kcina kienet iddubata minghand missierha peress li ma kellhux bzonnha, u li l-unika haga li kienu xtraw il-partijiet kienu l-*appliances* u sufan li llum il-gurnata qieghed fi stat hazin hafna.

Xehdet li l-ahhar darba li kienet fid-dar matrimonjali, rat illi d-dar thalliet fi stat dilapidat mill-intimat u li ghalhekk ghandha bzonn xoghol kbir ghaliex is-sensara u kull min kien interessat fl-akkwist ta' din il-proprjeta, innutaw li jista' jkun hemm xi hsarat strutturali minhabba xi perkolazzjoni tal-ilma, apparti illi hemm problema ta' umdita minhabba li mhux qed ikun hemm bizzejjed ventilazzjoni, tant illi hemm problemi ta' moffa estensiva. Qalet ukoll illi hemm spejjez relatati ma' sanzjonament tal-bini mal-awtoritajiet kompetenti u kif ukoll li ssir pjanta ricenti sabiex id-dar tkun tista' tinbiegh peress illi kienu bnew kamra fuq il-bejt minghajr permess. Ziedet illi x'aktarx hemm ukoll arretrati ta' cens x'jithallsu.

Xehdet illi minhabba incident li gara ghal habta ta' Ottubru 2017 fejn l-intimat kien aggressiv lejha meta marret tinformah b'offerta li kellhom ghal bejgh ta' din il-proprjeta, bdiet tibza tmur tiehu xerrejja potenzjali sabiex jaraw il-proprjeta. Ghalhekk kienet qalet lis-sensara sabiex jaghmlu appuntamenti mal-intimat, izda mbaghad saret taf illi l-intimat kien qieghed jghid lix-xerrejja potenzjali li d-dar ma kienetx ghal bejgh. Qalet illi ghalhekk hija thoss li l-intimat ghandu jinstab responsabbli ghall-ispejjez li ser jigu inkorsi minhabba l-manutenzjoni li issa trid issir fid-dar peress illi din hija kagun tat-traskuragni tieghu. Ziedet illi hija tixtieq ukoll li d-dar titpogga ghall-bejgh immedjatament u li hija tigi awtorizzata taghmel dak kollu li huwa mehtieg sabiex din id-dar tkun tista' tinbiegh, jekk hemm bzonn minghajr l-awtorizazzjoni tal-intimat.

Ir-rikorrenti xehdet illi l-partijiet m'ghandhomx *joint account* u ghandhom biss kontijiet personali separati. Hija talbet illi kull parti izomm il-kont bankarju taghha.

Rigward il-vetturi tal-partijiet, ir-rikorrenti xehdet illi l-intimat ghandu vettura tal-ghamla Mini Cooper li nxtrat fiz-zwieg li hija assigurata ma' Gasan Mamo u li kienu xtrawha *second hand* mill-Ingilterra ghal madwar €6,000. Qalet illi minn naha taghha hija issuq Opel Corsa li kienet inghatatilha minn ohtha bhala rigal fiz-zwieg u li llum il-gurnata tinstab fi stat hazin.

Fl-affidavit taghha, r-rikorrenti tikkontendi illi hemm mobbli fid-dar li huma proprjeta parafernali taghha peress illi kien hadimhomlha missierha. L-oggetti illi r-rikorrenti tghid illi huma assi parafernali huma s-segwenti:

- Gwardarobba u zewg komodini fil-kamra tas-sodda li kien hadem missierha;
- *Hall table*/ mejda tal-intrata moghtija lilha minn ohtha;
- Il-gwardarobba u gradenza badja li jinsabu fil-kamra tas-sodda li kien hadem misserha;
- Ritratti tat-tfal u taghha;
- *Cover* tal-karozza;
- *Christmas decorations;*
- Hwejjeg personali taghha.

**CC,** oht ir-rikorrenti, xehdet permezz ta' affidavit a fol 52 *et seqq* illi hija kienet minn dejjem innutat illi ohtha kellha dejjem toqghod attentat kif titkellem u ggib ruhha fil-presenza tal-intimat sabiex ma turtahx u dejjem kienet tagevolah. Xehdet illi l-intimat ma kien jissaporti fl-ebda impjieg u minhabba dan, ir-rikorrenti kienet tbati finanzjarjament tant illi kemm jista' jkun kienet tghinha hi, inkluz billi taghtha *hall table* meta zzewget biex ikollha biex timla d-dar. Qalet illi ohtha ma kienet tixtri xejn ghaliha, filwaqt illi l-intimat dejjem ried jaghmel kappricci eccessivi, u ohtha kienet tixtrilu l-pakketti tas-sigaretti meta bilkemm kien ikollha flus biex tiekol hi. Xehdet illi madwar ghaxar snin ilu kienet bdiet tara t-tbengil fuq il-persuna ta' ohtha. Ghalkemm l-ewwel darba ohtha kienet qalet illi kienet waqghat, it-tieni darba li kellmitha, r-rikorrenti kienet bdiet tibki u ammettiet maghha li l-intimat kien jerfa' jdejh fuqha. Xehdet ukoll illi xi erba' snin ilu ohtha kienet fl-ufficju taghha imbikkma tghidilha li ma tiflahx aktar u tirrakontalha kif l-intimat kellu diversi fissazzjonijiet, fosthom li l-ISIS kienu qed jispijawhom id-dar u li hi kienet tbiegh id-droga u tipprostitwixxi lilha nnifisha. Kompliet illi dakinhar l-intimat kien cempel lir-rikorrenti irrabjat u r-rikorrenti kienet telqet tigri lura d-dar.

Xehdet illi fid-9 ta' April 2016 ghal habta ta' 11.30pm, l-ex ragel taghha kien qalilha li kien hemm ohtha wara l-bieb tad-dar, u meta dahluha gewwa, r-rikorrenti kienet qieghda tibki u titrieghed u qaltilhom illi l-intimat kien refa' jdejh fquha u rnexxilha tahrablu u marret l-ghassa tal-pulizija izda hadd ma kien ta kas li kienet qed tibki. Spjegat illi kien marru jipparkjaw il-karozza taghha l-boghod sabiex l-intimat ma jkunx jaf li qieghda hemm u kienu marru jigbru lil Y minghand il-habiba taghha u ziedet illi meta l-intimat beda jcempel u jibghat messaggi ta' theddid lir-rikorrenti, hija kienet bdiet taqbez bil-biza fuq is-sodda. Qalet li l-ghada ohtha kienet marret lura d-dar, fejn l-intimat kien gab ruhu qisu qatt ma gara xejn, u huma bdew jippreparaw biex titlob l-ghajnuna minghand l-Appogg u hadu parir legali a bazi ta' liema ohtha kienet telqet id-dar flimkien ma' Y u kienet marret toqghod f'appartament proprjeta tax-xhud, filwaqt illi LS kien baqa' ma' missieru sabiex jipprova jzomm il-kalma. Qalet li l-ewwel darba li kienu hemm, fid-19 ta' April 2016, kien cempel l-intimat u kienet impressjonat ruhha ferm meta semghatu jghajjat u jheddidhom f'daghdija, u hi kienet bdiet tibki, ghalkemm ir-rikorrenti bintha kienu qishom drawh. Xehdet illi fix-xahar li r-rikorrenti ghamlet toqghod fl-appartament taghha, l-intimat kien bghatilha cirka tlett mitt (300) messagg u kien imur jistenniha barra l-post tax-xoghol, tant li r-rikorrenti kienet kostretta taghmel rapport lil pulizija dwar dan. Spjegat illi wara xi xahar, ir-rikorrenti kienet marret toqghod f'post provdut ghaliha minn membri familjarji ohra, flimkien ma' uliedha peress illi wara ftit zmien l-intimat kien kecca lil LS mid-dar. Xehdet illi filwaqt illi ulied il-partijiet jinsabu kuntenti u komplew l-istudji taghhom grazzi ghat-trobbija ta' ommhom, ir-rikorrenti baqghat isoffri l-effetti tal-vjolenza ipperpetrata mill-intimat, inkluz mill-fatt illi hija m'ghandhiex proprjeta taghha filwaqt li l-intimat baqa' jgawdi d-dar matrimonjali.

**Sarah Micallef,** haddiema socjali fi hdan l-Agenzija Appogg, xehdet a fol 68 *et seqq* illi r-rikorrenti kienet ghamlet kuntatt maghhom fil-15 ta' April 2016 minhabba allegata vjolenza domestika ipperpetrata kontra taghha minn zewgha l-intimat. Spjegat li r-rikorrenti kienet irrakkontatilha li hija kienet vittma ta' abbuz emozzjonali u finanzjarju u anke fiziku u li f'dawk l-ahhar gimghat kien qieghed ikun hemm xi episodju ta' abbuz fiziku kull gimgha. Qalet illi minn naha tal-Appogg, kienu offrewlha l-opportunita li tidhol go *shelter* izda hija irrifjutat ghaliex it-tifla kienet qed thossha imbikkma bil-hsieb li l-familja kienet kostretta tghix go *shelter*. Qalet li r-rikorrenti kien spjegatilha li l-intimat kien isofri minn paranoji u deluzjonijiet u li hi kemm il-darba kienet talbitu sabiex imur jiehu l-ghajnuna izda hu dejjem irrifjuta. Xehdet li r-rikorrenti kienet irrikorriet ghall-ghajnuna tal-pulizija fil-21 ta' April 2016 u aktar tard

f'Mejju minhabba episodji ta' vjolenza domestika, peress illi l-intimat baqgha jghatiha fastidju, jsegwiha u jibghatilha messaggi ta' theddid u kliem oxxen.

**Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobs Plus xehed a fol 75 *et seqq* illi l-intimat kien qieghed jirregistra ghax-xoghol fuq Part 1 izda kien naqas milli jattendi ghal *interviews* u korsijiet, minkejja li kien gie notifikat bihom, u ghalhekk kien gie *struck off* mir-Registru. Spjega illi wara dan, l-intimat ma setghax jerga japplika ghal sitt xhur, izda dawn is-sitt xhur ilhom li skadew u l-intimat qatt ma rega mar jirregistra.

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat fit-18 ta' Settembru 2018 huwa baqgha kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti***

***ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.„***

***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***"

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikorrent qed tipprocedi b'din il-kawza ghal-separazzjoni personali minn mal-intimat, li skont hi, huwa hati ghat-tifrik taz-zwieg minhabba eccessi, mohqrija, sevizzi, theddid u offizi gravi fil-konfront taghha, kagun ta' liema iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge".***[1] Baudry Lacantinerie jghallem illi "***Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***[2]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta

***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal***

[1] Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[2] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

> ***eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***"

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala **"*dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."***[3] Filfatt, **Baudry Lacantinerie** jghallem illi **"*Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".***[4] Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi **"*Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".***

Jinsab ritenut illi:

> **"*…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***[5]

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> **"*Dan il-komportament abitwali* [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] *da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-***

[3] **Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius,** Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dicembru 1951.
[4] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[5] **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti,** Qorti tal-Appell Civili deciza 15 ta' Dicembru 2015.

> ***zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili.***"

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marthese Vella pro et noe vs George Vella** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi **"*l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara azzjoni istitwita mir-rikorrenti kontra l-intimat zewgha. Jirrizulta illi l-partijiet kien izzewgu fit-2 ta' Mejju 1992 u minn dan iz-zwieg twieldu zewg't itfal, LS u YS li llum il-gurnata huma t-tnejn maggorenni.

**Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg**

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi jirrizulta li matul iz-zwieg tal-partijiet l-intimat kien frekwentement fizikament vjolenti ma' martu, sahansitra quddiem uliedhom anke meta dawn kienu ghadhom tfal. Jirrizulta wkoll illi

l-intimat kien jinsulenta lir-rikorrenti, tant illi kien jghajjarha li hija prostituta, u r-rikorrenti tirrakkonta episodju partikolari fejn l-intimat sahansitra kien offrielha l-flus sabiex ikollha relazzjonijiet intimi mieghu imbaghad kien beda jaghtiha bil-ponn u bis-sieq meta irrifjutat, u kkawzala griehi li gew certifikati mit-tabib Emma Schembri gewwa l-poliklinika ta' Rahal Gdid fit-12 ta' April 2016. Dwar dan l-episodju, li kien sehh fid-9 ta' April 2016 l-intimat kien gie mixli mill-Pulizija Ezekutiva quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura u kien instab hati permezz ta' sentenza datata 26 ta' Ottubru 2016 u gie kkundannat ghal terminu sospiz ta' prigunerija. L-abbuz illi l-intimat kien jissottoponi lil martu ghalih jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' ohtha CC li xehdet dwar kif hija kienet tinnota tbengil fuq ohtha r-rikorrenti, u kif darba minnhom wara li kienet staqsietha dwar xi tbengil li kienet osservat, ir-rikorrenti bdiet tibki u kienet fethet qalbha maghha dwar is-swat illi kien issofri minn taht idejn l-intimat.

Apparti l-episodji ta' abbuz fiziku, ir-rikorrenti xehdet ukoll dwar abbuzz emozzjonali ipperpetrat mill-intimat kontra taghha. Hija tiddeskrivi kif hija ma setghat qatt tikkontradici lil intimat peress illi inkella huwa kien jirreagixxi b'mod aggressiv ferm, u spjegat ukoll kif l-intimat kien jghajjarha, jghajjat maghha u jumiljaha anke quddiem hbieb u familjarji. Barra minn hekk, l-intimat kien jikkontrolla lir-rikorrenti, billi kien jinsisti li jaqra l-messaggi taghha fuq il-mobile, u wara illi hija telqet mid-dar f'April 2016 kien baqa jippersegwita, jaghtiha fastidju u jibghatilha messaggi oxxenni u ta' theddid, kif inhu ikkonfermat mhux biss mix-xhieda tar-rikorrenti, izda wkoll ix-xhieda ta' ohtha CC, li xehdet dwar kif fl-ewwel xahar li telqet mid-dar ohtha kienet ircievet xi tlett mitt messagg minghand l-intimat.

Apparti dan kollu, il-Qorti rat ukoll illi mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta illi l-intimat kien ferm irresponsabbli waqt iz-zwieg, billi kien frekwentement jitlaq mill-impjieg li jkollu, u ma kellu l-ebda riservi li jhalli lil familja nieqsa sabiex ikun jista' joqghod id-dar u ma jahdimx. Mix-xhieda tar-rikorrenti jidher illi l-intimat kien sahansitra hadha kontra bintu Y ghaliex kien iwahhal fiha li kien tort taghha li hu kellu johrog jahdem. Din l-imgieba u attitudni tal-intimat tinsab konfermata mix-xhieda tar-rapprezentant ta' Jobs Plus u d-dokumentazzjoni prodotti minnu li juru l-istorja xejn felici tal-hajja lavorativa tal-intimat u li l-intimat kien sahansitra gie *struck off* mir-Registru tal-Impjieg peress illi kien naqas milli jattendi ghal-korsijiet u *interviews* mandatorji. Illi pero, mix-xhieda ta' CC jirrizulta illi filwaqt li l-intimat kien ihalli lil familja tieghu nieqsa tant illi r-rikorrenti kellha ta' sikwit iddur fuq il-familjarji taghha ghal ghajnuna, huwa kien kompla jgawdi l-kapricci tieghu. Il-Qorti taghraf illi dan l-agir

irresponsabbli huwa ksur lampanti tad-doveri tal-intimat bhala konjugu u bhala missier, u irresponsibilita ta' din is-severita, specjalment f'retroxxena ta' vjolenza domestika, tammonta ghal htija da parti ta' dak il-konjugu ghat-tifrik taz-zwieg. Dan kif gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Frar 2016, fejn intqal illi:

> "***M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza. Il-provi juru illi kieku ma kienx ghall-hidma bla heda tal-attrici, nonostante l-ostakoli kollha li ghogbu jipprovdi l-konvenut, ulied il-partijiet kienu jispiccaw jghixu f'sitwazzjoni ta' faqar u mizerja***."

Illi inoltre l-Qorti tqis illi apparti l-fatt li r-rikorrenti kienet vittma ta' vjolenza domestika ipperpetrata mill-intimat, il-vittmi tal-istess vjolenza domestika kienu wkoll ulied il-partijiet. Dan tenut kont illi l-intimat, ghalkemm ma kienx vjolenti direttament fil-konfront tal-ulied, kien jerfa' idejh fuq ommhom, jghajjat maghha, jghajjara u jheddidha fil-presenza taghhom, sahansitra anke meta kienu zghar. Filfatt ir-rikorrenti spjegat illi kawza tal-ansjeta kkawzata minn tali sitwazzjoni mwiergha, bint il-partijiet Y bdiet issofri minn kondizzjoni tal-gilda u mill-ezcema. Dan jaghmel l-imgieba tal-intimat ferm aktar deplorabbli u censurabbli, u jirraprezenta ksur tad-doveri tal-intimat bhala missier u vjolenza domestika morali fil-konfront tal-ulied. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan** citata aktar il-fuq, fejn intqal illi:

> ***"Jirrizulta wkoll illi it-tlett ulied minuri kienu l-vittma ta' vjolenza da parti tal-konvenut, mhux necessarjament fizika izda certament vjolenza morali meta kien jerfa jdejh fuq l-attrici fil-presenza tal-minuri."***

Illi minn naha taghha, nonostante il-maltrattament kontinwu sofferti minn taht idejn l-intimat, jirrizulta illi r-rikorrenti stinkat sabiex tipprovdi ghal familja u specjalment sabiex taghti lil ulied il-partijiet hajja dinjituza, u dan anke wara li sfaxxa iz-zwieg tal-partijiet kif ikkonfermat mix-xhieda tal-haddiema socjali Sarah Micallef li iddeskriviet kif ir-rikorrenti kienet irrinunzjat li tidhol go *shelter* ghal protezzjoni ghaliex bintha kienet imbikkma dwar il-prospett li jmorru joqghodu go *shelter*.

Illi din il-Qorti tqis illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija verosimili u kkorroborata minn provi oggettiv, in partikolari is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati msemmija aktar il-fuq u x-xhieda tar-rapprezentant tal-Jobs Plus. Il-Qorti taghraf illi ghalkemm minkejja li kien kontumaci l-intimat xorta wahda kellu dritt illi jaghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti mir-rikorrenti u jressaq nota ta' sottomissjonijiet tieghu, huwa baqa' ma kkontesta bl-ebda mod il-provi prodotti minnha. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba vjolenti tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala konjugu u bhala missier.

Il-Qorti rat illi skont **l-artikolu 51** tal-Kodici Civili:

> **"*Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.*"**

Fil-fehma tal-Qorti, il-vjolenza fizika, finanzjarja, emozzjonali u psikologa ipperpetrata mill-intimat kontra r-rikorrenti jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattira l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, u ghalhekk ser jigu applikati *in toto* l-effetti kollha tal-istess Artikolu 48.

**Manteniment ghal YS**

Ir-rikorrenti qed titlob manteniment ghal bint il-partijiet, YS, wara illi premettiet illi ghalkemm hija maggorenni, hija qieghda ssegwi kors ta' studju *fulltime* fl-Universita ta' Malta.

Il-Qorti rat illi skont **l-artikolu 3B (2)** tal-Kodici Civili:

> **"*L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*"**

***(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena;"***

Illi z-zewg ulied tal-kontendenti huma maggorenni, pero jirrizulta illi YS ghandha ghoxrin sena u qed issewgi kors ta' studju fl-Universita ta' Malta fuq bazi *full-time.* Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jibqa' jhallas il-manteniment likwidat sakkemm bint il-partijiet YS ma tibqax aktar studenta fuq bazi *full-time* jew taghlaq tlieta u ghoxrin sena, skont liema wahda minn dawn ic-cirkostanzi tavvera ruhha l-ewwel.

Rigward il-likwidazzjoni tal-manteniment, wara li rat il-provi prodotti, il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma tlett mitt ewro (€300) fix-xahar bhala manteniment ghall-bint il-partijiet YS, liema somma tinkludi sehem mill-intimat tal-ispejjez edukattivi u medici tal-istess bint, sabiex jigi evitat kuntatt bejn il-partijiet. Il-Qorti taghraf illi l-intimat jinsab minghajr impjieg, izda l-Qorti taghraf ukoll illi d-dover tal-genituri sabiex imantnu lil uliedhom huwa wiehed assolut li ma jistghax jigi evitat billi wiehed jirrendi ruhu dizokkupat u minghajr introjtu volontarjament u biss minhabba l-irresponsibilita tieghu stess. Illi sabiex ukoll jigi evitat kuntatt bejn il-partijiet, il-Qorti tqis illi jkun ghaqli illi din is-somma tigi maqtugha direttament minn kwalunkwe beneficcju jew salarju percepit mill-intimat u ddepozita direttament f'kont bankarju intestat fuq isem ir-rikorrenti.

**Arretrati ta' Manteniment**

Il-Qorti rat illi mix-xhieda mhux kontradetta tar-rikorrenti jirrizulta illi l-intimat naqas milli jhallas is-somma ta' manteniment fl-ammont ta' €230 kull erba' gimghat kif ordnat mill-Qorti pendente lite minn Jannar 2018 sa llum il-gurnata, oltre illi ma hallas l-ebda manteniment ghal bzonnijiet ta' bint il-partijiet YS ghal perjodu bejn id-19 ta' April 2016 u Dicembru 2016 qabel ma hareg id-digriet pendente lite tal-Qorti. Kif diga intqal, l-obbligu tal-genituri sabiex imantu lil uliedhom huwa wiehed assolut u ghalhekk il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €230 fix-xahar bhala manteniment ghal YS ghal perjodu bejn id-19 ta' April 2016 u Dicembru 2016, liema ammont jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjez medici, edukattivi u extra-kurrikurali tal-wild. Ghalhekk l-ammont komplessiv dovut lir-rikorrenti ghal dan il-perjodu huwa:

34-il gimgha÷4 gimghat x €230 = **€1,955.**

Ghaldaqstant, l-intimat ghandu jhallas arretrat ta' mantneiment ghal perjodu bejn id-19 ta' April 2016 u Dicembru 2016 fl-ammont ta' **€1,955.**

Illi fir-rigward tal-arretrati ta' manteniment minn Jannar 2018 sal-ahhar ta' Mejju 2020, il-Qorti taghraf illi dawn ikopru perjodu ta' 129 gimgha, li huwa l-kalkolu relevanti galadarba fid-digriet ta' manteniment pendenti lite l-intimat gie ordnat ihallas manteniment kull erba' gimghat u mhux kull xahar. Illi ghalhekk, din il-Qorti qed tikkalkula l-arretrati ta' manteniment bil-mod segwenti:

129 gimghat÷4 gimghat = 32.25 pagamenti x €230 = **€7,417.50.**

Illi ghalhekk l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' €7,417.50 bhala arretrati ta' manteniment minn Jannar 2018 sa 22 Gunju 2020.

Il-Qorti rat ukoll illi fit-30 ta' Awissu 2018 ir-rikorrenti kienet xtrat nuccali tal-vista gdid ghal YS b'nefqa totali ta' **€424** (Dok. DS6). Illi ghalhekk l-intimat huwa wkoll debitu tar-rikorrenti fl-ammont ta' **€212**.

Ghaldaqstant, l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' :

**€1,955**

**€7,417.50**

**€212**

**Total = €9,584.50**

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Illi mill-provi jirrizulta illi l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet jikkonsisti fid-dar matrimonjali, vettura u kontijiet bankarji.

I. Dar Matrimonjali

Illi d-dar matrimonjali tal-partijiet kienet ixtrat minnhom permezz ta' kuntratt ta' akkwist datat 26 ta' Gunju 1995 (*fol.* 47), u ghalhekk din il-proprjeta tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Jidher illi d-dejn illi l-partijiet kellhom mal-bank ghall-akkwist ta' din il-proprjeta gie saldat.

Il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta illi din id-dar ghandha valur fuq is-suq liberu ta' cirka €165,000 - €175,000. Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi dan il-fond ghandu jitpogga ghall-bejgh fuq is-suq liberu u jinbiegh ghal prezz ta' mhux anqas minn **€165,000**. Il-Qorti tqis inoltre illi fil-kaz illi l-partijiet ma jkunux ghadhom iffirmaw konvenju ghall-bejgh tal-istess fond sa zmien sena mid-data ta' din is-sentenza, il-partijiet ghandhom ikunu awtorizzati li jibdew il-proceduri necessarji sabiex dan il-fond jinbiegh b'subbasta. Ir-rikavat tal-bejgh ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat ukoll illi l-intimat ilu jghix f'dan il-fond as eskluzjoni tar-rikorrenti sa minn April 2016, meta r-rikorrenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali minhabba vjolenza domestika. Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jkun unikament responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet ta' dawl u ilma, u l-hlas tac-cens relattiv ghal dan il-fond, sakemm ikun ghadu qed jirrisjedi fih hu. Il-Qorti tqis ukoll illi r-rikorrenti ghandha tinghata access ghal din il-proprjeta sabiex tkun tista' tiehu *estate agents* u xerrejja prospettivi.

Fir-rigward tas-sottomissjoni tar-rikorrenti illi l-intimat ghandu jigi kkundannat penali f'kaz illi jonqos milli jersaq ghall-att tal-konvenju jew ghall-att finali ta' bejgh ta' din il-proprjeta, il-Qorti tqis illi m'hemmx lok ghal tali penali stante illi minflok ghandu jigi appuntat kuratur sabiex jidher minflok l-intimat fl-eventwali kontumacja tal-intimat fuq dawn l-atti, biex zgur jigi evitat dilungar u spejjez inutli.

II. Vetturi

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi waqt iz-zwieg tal-kontendenti ir-rikorrenti kellha vettura tal-marka u tip Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni FAJ 175 irregistrata fuq isimha, liema vettura jirrizulta li **llum il-gurnata giet *scrapped.*** Jirrizulta wkoll illi illum il-gurnata hemm irregistrat fuq isem ir-rikorrenti vettura tal-marka u tip Toyota Yaris Hybrid bin-numru ta' registrazzjoni ACO637. **Jirrizulta illi din il-vettura giet irregistrata fuq isem ir-rikorrenti fit-22 ta' Frar 2019 u ghalhekk ma tifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti galadarba il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet kienet twaqqfet permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Jannar 2019.**

Jirrizulta wkoll mill-provi illi fuq isem l-intimat hemm vettura rregistrata tal-marka u tip Mini

Cooper bin-numru ta' registrazzjoni IBN982, li jirrizulta li kienet giet irregistrata f'isem l-intimat waqt illi l-komunjoni tal-akkwisti kienet ghadha vigenti bejn il-partijiet, u cioe fit-23 ta' Ottubru 2009. Wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, il-Qorti tqis illi din il-vettura ghandha tigi assenjata lil intimat.

III. Kontijiet Bankarji

Il-Qorti rat illi kull wiehed mill-partijiet ghandhu kont personali intestat fuq ismu u hemm ukoll kontijiet miftuha f'isem il-partijiet a nom tal-ulied. Il-Qorti tqis illi l-kontijiet bankarji ghandhom jigu assenjati lil parti fuq isem min huma intestati, b'dan illi l-kontijiet li jinsabu miftuhin a nom tal-ulied ghandhom jigu intestati f'isem l-ulied galadarba llum il-gurnata huma maggorenni.

Il-Qorti rat ukoll illi ftit wara li r-rikorrenti telqet mid-dar matrimonjali l-intimat gibed ammonti irregolari ta' flus mill-kont bankarju bin-numru 17302805019 li ghandu mal-Bank of Valletta. Jirrizulta illi fix-xahar ta' Novembru 2016 huwa gibed is-somma komplessiva ta' €2,630.91 filwaqt illi f'Dicembru 2016 huwa gibed is-somma komplessiva ta' €2,050 (*fol.* 282) ghal ammont globali ta' €4,680.91 fiz-zmien xahrejn. Il-Qorti tqis illi huwa inverosimili illi l-intimat kellu bzonn dawn il-flus kollha ghall-ispejjez tal-hajja, ikkonsidrat illi ma kellux spejjez ghal akkomodazzjoni stante li huwa baqa' jghix fid-dar matrimonjali, u lanqas ma jirrizulta illi dawn il-flus uzahom ghall-beneficcju tal-komunjoni tal-akkwisti. Peress illi l-Qorti tqis li jkun ragonevoli li parti minn dan il-hrug jitqies gustifikat sabiex ikopri spejjez ta' hajja, il-Qorti tqis illi minn dawn l-ammont mahruga irregolarment minnu, ir-rikorrenti ghandha tigi assenjata s-somma ta' €1,850.

Fir-rigward tal-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta illi hemm arretrati mal-kumpanija ARMS Limited peress illi mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-ARMS u d-dokumentazzjoni relattiva jirrizulta li l-ahhar pagament li sar kien f'Jannar 2017. Il-Qorti rat illi l-intimat ilu jirrisjedi fid-dar matrimonjali wahdu sa minn April 2016, wara li r-rikorrenti kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali minhabba vjolenza domestika. **Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi dan id-dejn ghandu jigi assenjat lil intimat.**

**Manutenzjoni fid-Dar Matrimonjali**

Rigward l-argument tar-rikorrenti illi din il-Qorti ghandha tawtorizzaha sabiex taghmel ix-xogholijiet ta' manutenzjoni li hemm bzonn li jsiru fid-dar matrimonjali a spejjez tal-intimat, u jekk hemm bzonn anke minghajr il-kunsens tieghu, u bl-istess mod tapplika sabiex jigi sanzjonat il-bini, il-Qorti tirrileva illi din il-materja m'hijiex ta' kompetenza ta' din il-Qorti. Kwistjonijiet rigwardanti proprjeta komuni huma regolati mill-ligi rigward il-komproprjeta ai termini tat-Titolu V tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili. Il-kompetenza ta' din il-Qorti hija espressament regolata ai termini tar-regolament numru 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19, skont liema:

> "***Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':***
>
> ***(a) it-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;***
> ***(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta'Manteniment;***
> ***(ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta'Manteniment;***
> ***(d) l-Att dwar iż-Żwieġ; u***
> ***(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri.***"

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti kwistjonijiet li jirrigwardaw il-manutenzjoni tad-dar matrimonjali u applikazzjonijiet sabiex il-binja tigi ssanzjonata, flimkien mal-kwistjoni ta' min hu responsabbli sabiex ihallas ghal dan kollu, jezorbitaw il-kompetenza limitata ta' din il-Qorti, u ghaldaqstant ma jistghux jigu determinati minnha.

**Beni Parafernali**

Ir-rikorrenti issottomettiet illi hemm diversi mobbli fid-dar matrimonjali li kienu gew donati lilha minn misserha u minn ohtha, li ghalhekk ghandhom jigu dikjarati bhala beni parafernali taghha. Dawn huma il-kamra tas-sodda, gwardarobba, zewg komodini, mejda tal-ikel, gwardarobba u gradenza bajda li jinsabu fil-kamra tas-sodda ta' Y u mejda tal-intrata. Wara li rat l-artikolu 1320 tal-Kodici Civili, il-Qorti tqis illi dawn il-mobbli huma tassew beni parafernali tar-rikorrenti, peress illi ma jaqawx entro dawk il-beni illi l-ligi espressament tikkonsidra bhala beni li jidhlu fil-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi dawn il-mobbi ghandhom jigi dikjara bhala beni parafernali tar-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat, u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn mal-intimat;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna lil intimat ihallas is-somma ta' tlett mitt ewro (€300) kull xahar bhala manteniment ghall-wild il-partijiet YS sakemm l-istess wild tieqaf tistudja fuq bazi *full-time* jew taghlaq tlieta u ghoxrin sena, skont liema cirkostanza tavvera ruha l-ewwel, liema ammont jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikurali tal-istess wild, u tordna illi din is-somma ghandha tinqata' awtomatikament minn kwalunwke beneficcju jew salarju percepit mill-intimat u tigi ddepozitata direttament f'kont bankarju intestat f'isem ir-rikorrenti;**
3. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba stante illi tinsab assorbita fl-ordni precedenti;**
4. **Tordna lil intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' disghat elef, hames mija, erbgha u tmenin ewro u hamsin centenzmu (€9,584.50) rapprezentanti manteniment u spejjez edukattiv, medici u extra-kurrikurali ghal YS ghal perjodu mid-19 ta' April 2016 sa' Dicembru 2016, u arretrati ta' manteniment u spejjez ta' sahha u edukazzjoni ghall-istess wild mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Mejju 2020.**
5. **Tilqa' l-hames talba u tiddikjara illi l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment;**
6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti tas-sitt talba tar-rikorrenti permezz ta' liema talbet illi tigi xolta il-komunjoni tal-akkwisti, stante illi il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet giet xolta permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Jannar 2019, filwaqt illi l-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti bejn il-partijiet sa dakinhar qed tigi likwidata u diviza bis-segwenti mod:**
    i. **Id-dar matrimonjali ghandha tinbiegh fuq is-suq liberu ghal prezz ta' mhux anqas minn €165,000 u r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Fil-kaz illi ma jkunx hemm konvenju ghall-bejgh ta' dan il-fond fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza, il-partijiet huma minn issa awtorizzati sabiex jibdew il-proceduri necessarji biex il-fond jinbiegh bi procedura ta' subbasta;**
    ii. **Il-kontijiet bankarji ezistenti qed jigu assenjati lil dik il-parti fuq isem min**

**ikunu intestati, u dawk miftuhin ghan-nom tal-ulied ghandhom jigu intestati f'isem l-ulied, b'dan illi l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' elf, tmien mija u hamsin ewro (€1,850) ghar-ragunijiet indikati f'din is-sentenza;**

iii. **Tassenja lil intimat il-vettura tal-marka u tip Mini Cooper bin-numru ta' registrazzjoni IBN982 lill-intimat;**

iv. **Tassenja lir-rikorrenti ir-ritratti taghha u ta' ulied il-partijiet, *cover* tal-karozza u oggetti dekorattiva tal-Milied**

v. **Tassenja lil intimat id-dejn pendenti mal-kumpanija ARMS, bi dritt ta' rivalsa favur ir-rikorrenti fil-kaz illi tigi kostretta taghmel tajjeb ghalihom hi;**

vi. **Kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa fil-kaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lil parti l-ohra;**

7. **Tordna illi l-kontijiet tad-dawl u l-ilma u c-cens relattiv ghad-dar matrimonjali ghandhom ikunu pagabbli unikament mill-intimat sakemm jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali;**
8. **Tordna lil intimat sabiex jaghti access lil *estate agents* u kompraturi potenzjali sabiex ikunu jistghu jaraw id-dar matrimonjali u sabiex ikunu jistghu jittiehdu ritratti tal-istess ghall-finijiet ta' reklamar;**
9. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex ikollha access ghad-dar matrimonjali biex tiehu *estate agents* u kompraturi potenzjali, u tordna minn issa illi f'kaz li l-intimat jirrifuta li jaghtiha access, ir-rikorrenti ghandha tigi meghjuna mill-Pulizija Esekuttiva u mill-Marixxali tal-Qorti sabiex taccedi fid-dar, li minn issa huma awtorizzata li jisgassaw il-bieb sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tidhol;**
10. **Tilqa' s-sitt talba u tappunta Dr Stefano Filetti, kuratur, sabiex jirraprezenta lil intimat fl-eventwali kontumacja tieghu fuq il-konvenju ghall-bejgh tad-dar matrimonjali u fuq l-att finali ta' bejgh tad-dar matrimonjali;**
11. **Tilqa' s-seba' talba u tiddikjara illi s-segwenti huma beni parafernali tar-rikorrenti:**

i. **Mobbli tal-kamra tas-sodda,;**

ii. **Gwardarobba;**

iii. **zewg komodini;**

iv. **mejda tal-ikel;**

**v. gwardarobba, gradenza bajda li jinsabu fil-kamra tas-sodda ta' Y u mejda tal-intrata.**

**12. Tordna lil intimat sabiex fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza jirrestitwixxi l-mobbli indikati f'paragrafu 11 ta' dan id-decide lir-rikorrenti, u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex taccedi fid-dar matrimonjali u tiehu lura l-pussess ta' dawn il-mobbli bl-ghajnuna tal-Pulizija Ezekuttiva u l-Marixalli tal-Qorti, li minn issa huma awtorizzata jisgassaw il-bieb sabiex ir-rikorrenti tkun tista' taccedi fil-fond;**

**13. Tilqa' d-disa talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

**14. Tilqa' l-ghaxar talba u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe Parnis;**

**15. Tilqa' t-tnax il-talba u tawtorizza lil rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**